MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 790/2011

**Santu Farrugia**

**-vs-**

**Alfred Caruana, u wliedu Mario u Anthony aħwa Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur Santu Farrugia fit-12 t'Awissu 2011 li permezz tiegħu ġie premess illi l-esponenti huwa proprjetarju ta' raba' fil-limiti taż-Żurrieq magħrufa bħala Ta' Flamink mill-kontrada ta' Delu *sive* Ta' Wied Fulija, ta' kejl superfiċjali ta' ċirka elf, sitt mija u tlieta u għoxrin metri kwadri (1623m.k.) bid-dritt ta' aċċess bil-bhiema u bir-riġel fuq beni viċini tal-konvenut Alfred Caruana.

Illi riċentement l-attur sar jaf li l-konvenuti ħadu l-liġi b'idejhom billi ostakolaw dan id-dritt ta' passaġġ minn fuq il-beni tagħhom permezz ta' ġebel u ħitan, u dana għad-detriment tal-esponenti.

Illi dan l-aġir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-esponenti;

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex – prevja d-dikjarazzjoni li huma kkommettew spoll vjolenti għad-dannu tal-attur – il-għala din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tikkundannahom sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti jneħħu kull ostakolu minnhom ikkrejat bla jedd fil-passaġġ fuq msemmi u jirripristinaw l-istess għall-istatus *quo ante*, u dana taħt d-direzzjoni ta' perit nominandi;

2. U fin-nuqqas li l-konvenuti jagħmlu dan fiż-żmien lilhom prefiss, tawtorizza lill-attur stess jagħmel ix-xogħlijiet ta' rimozzjoni u ripristinu a spejjeż tal-konvenuti iżda dejjem taħt id-direzzjoni tal-istess perit nominandi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nġunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata mill-konvenut Alfred Caruana li permezz tagħha l-konvenuti eċċepew illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li huma m'ostakolawx u ma għalqu l-ebda dritt t'aċċess bil-bhima u bir-riġel minn fuq il-beni tagħhom.

Illi fil-21 ta' Diċembru 2009, il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali lliberat lil Alfred Caruana mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu minn Santu Farrugia rigwardanti l-istess lanjanza.

Illi minkejja l-premess l-intimati ma kkawżaw l-ebda spoll vjolenti u klandestin u ma kkrejaw l-ebda ostakolu kif lamentat mir-rikorrenti.

Illi barra minn hekk ir-rikorrenti għandu aċċess għall-għelieqi tiegħu mhux bir-riġel u bil-bhima mill-għalqa tal-intimati, imma jista' jaċċedi għalihom liberament bl-inġenji tiegħu kollha u dan kemm minn Triq il-Qortin, iż-Żurrieq, kif ukoll minn Triq Wied il-Fulija, iż-Żurrieq, fejn huwa għandu r-razzett mal-isqaq u aċċess liberu għall-għelieqi.

Illi kif jirriżulta mir-ritratti hawn annessi u mmarkati Dok. AC1 sa AC4, ir-rikorrenti jdaħħal fl-għelieqi tiegħu *tractors* u nġenji oħrajn mill-għelieqi tiegħu u m'għandux għalfejn jgħaddi bir-riġel minn fuq l-għalqa tal-intimati.

Illi ġja la darba għandu aċċess iktar komdu, huwa ma jistax jippretendi li għad baqagħlu d-dritt jgħaddi bir-riġel mill-għalqa tal-intimat meta huwa jista' jgħaddi mill-għelieqi tiegħu, kif effettivament jagħmel sal-ġurnata tal-lum u kif kien ilu jagħmel tul dawn l-aħħar għoxrin sena.

Illi huma m'għamlu l-ebda xogħlijiet fl-art in kwistjoni u l-ħitan tas-sejjieħ waqgħu u ġew mġarrfa b'mod naturali u huwa ma jsib ebda oġġezzjoni jekk jidhirlu r-rikorrenti, li jirranġa l-istess ħitan.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-4 t'Ottubru 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li saret id-debita trattazzjoni mill-avukati rispettivi;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mill-att promotur din hija kawża ta' spoll. L-attur qed isostni illi l-konvenuti għalqulu l-passaġġ li għalih għamel riferenza fl-istess rikors. Kif hu magħruf biex azzjoni ta' spoll tirnexxi hemm rikjesti s-segwenti tliet elementi:

1. il-pussess – ***possidesse****;*

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur – ***spoliatum fuisse****;* u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse****.*

Illi l-konvenuti qed jikkontestaw li l-attur ġie spussessat, anzi jsostnu li huma fil-fatt ma kkrejawlu ebda ostakolu għax il-passaġġ li kien ġie ostakolat fl-2009 minħabba l-maltemp u mhux b'xi intervent tagħhom. Fil-fatt skond huma l-attur għandu minn fejn jgħaddi għall-għalqa tiegħu u għalhekk m'għadx għandu bżonn il-passaġġ in kwistjoni. Dwar dan l-aħħar punt din il-materja hija rrilevanti għaliex il-Qorti quddiemha għandha kawża possessorja u mhux waħda petitorja.

Illi nfatti fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vinċenzina Ċassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** ingħad illi:

*"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-Tribunal Ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83,** illi irriteniet:

*"… che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l'indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio, …"*

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** deċiża mill-Prim' Awla fl-4 ta' Frar 1958 ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x' ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b' mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi wieħed ukoll isib dikjarat illi:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u*

*kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbazati fuq x' jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna."* (Deċiża fid-9 ta' Marzu 1992 mill-Qorti tal-Appell Ċivili, fl-ismijiet **"Cardona vs Tabone"**).

Illi l-fatt li ta lok għal kawża seħħ fil-11 ta' Lulju 2011 skond ir-rapport li sar fl-Għassa tal-Pulizija ndikat bħala dokument 'G'. Jidher li l-attur irrapporta li sab ħajt tas-sejjieħ jimblokka l-aċċess tiegħu għall-għalqa in kwistjoni. Il-konvenut Mario Caruana kkonferma li l-passaġġ illum magħluq biss. Kemm hu u kemm missieru l-konvenut l-ieħor isostnu li lill-attur qatt ma rawh jgħaddi minn dak il-passaġġ.

Illi l-verżjoni tal-konvenuti mhijiex kredibbli u mhux verosimili li l-attur illi indubbjament *tramite* l-kuntratti esebiti għandu dritt ta' passaġġ bir-rigel fl-ambjenti in kwistjoni ma kienx se jagħmel użu minn dak id-dritt. L-attur jgħid ukoll li meta mar biex ineħħi l-ħajt ġie l-konvenut Mario Caruana li heddu. Għalhekk ħalla kollox kif kien u għamel il-kawża. Il-Qorti ma għandha ebda dubju li l-attur qed jgħid is-sewwa u li għalhekk it-talba tiegħu għandha tigi milqugħa. Il-kawża saret ukoll *entro* t-terminu ta' xahrejn.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet kollha tal-attur, u tipprefiġġi terminu ta' xahar biex isir ix-xogħol. Il-Qorti tinnomina lil A.I.C. Valerio Schembri biex jissorvelja x-xogħol.**

**Bl-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------